# Animazzjoni - It-Tmien Ħadd ta' Matul is-Sena (Sena Ċ)

**Dhul:**

Il-liturġija tat-Tmien Ħadd ta' Matul is-Sena tistedinna sabiex ma niġġudikawx lill-proxxmu tagħna imma naħdmu biex flimkien niskopru lil Kristu f'xulxin.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fil-Liturġija tal-Kelma tal-lum, tiddomina l-importanza li ngħixu l-ħajja mill-aħjar li nistgħu fil-Mulej. Kif xogħol il-fuħħari jiġi ppruvat permezztal-forn, hekk ukoll bniedem jiġi pruvat skont ghemilu. Ħadd ma għandu s-setgħa li jiġġudika lill-proxxmu. Dan ipoġġi lil kulħadd fuq l-istess livell.
Nisimgħu il-kelma ta' Alla

**Salm Responsorjali:** Tajjeb li nfaħħru l-Mulej.

**Offertorju:**

Ejjew f'dan il-mument inroddu ħajr lil Alla għall-ġid kollu li HU jagħmel magħna. Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

L-akbar imħabba ta' Alla għalina tiġi murija lilna fl-Ewkaristija.
B'dan l-atteġġjament, nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.